**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 3 SARET NHAR**
**Il-GIMGHA 12 TA' SETTEMBRU 2014FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tat-tieni seduta ġew approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIC-CHAIRPERSON

1. Hija rreferiet ghal-kamra zghira li hemm fi Triq il-Harrub li bhalissa tidher li tinsab abbandunata. Il-Membru T. Valentino infurmat li se tipprova taghmel kuntatt mas-sidien ta' din l-istess kamra. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li fil-passat hu ghal diversi drabi pprova jaghmel kuntatt mas-sid pero' minn informazzjoni, hu sar jaf li din tghix l-Awstralja. Is-Segretarju Ezekuttiv kellu kuntatti mas-Sur De Martino; fejn dan wieghed li hu lest li jhallas kontribuzzjoni sabiex tissewwa din il-kamra.

2. Il-Kumitat gie nfurmat li ntbaghtet l-ittra lic-CEO tal-WSC, l-Ing. P. Micallef, dwar ix-xoghlijiet ta' Triq l-Inginier pero' s' issa l-Kunsill ghadu ma rceva l-ebda risposta minn naha tieghu. Ic-Chairperson ssostniet li kull membru ghandu jkun nfurmat sew ta' x'qed jigri f' dan ir-rigward.

3. Hija nfurmart li l-kuntrattur responsabli mix-xoghlijiet ta' Triq il-Pedidalwett u l-bicca ta' fuq ta' Triq il-Madliena, fil-jiem li gejjin se jaghti data ta' meta se jibda u jispicca dawn ix-xoghlijiet pendenti.

4. Il-Kumitat gie nfurmat ukoll li hekk kif kien gie deciz fis-seduta precidenti, it-tabelli li jimmarkaw Slow gew installati fi Triq il-Pedidalwett u Triq il-Perkursur pero' ghad irridu jigu mizbugha s-sinjali.

5. Ic-Chairperson staqsiet meta jsir il-knis fi Triq il-Grigal. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jiccekja dak il-hin u l-kuntrattur wiegeb li dan ix-xoghol jsir kull nhar ta' Tnejn.

6. Rigward il-hajt ta' quddiem Busietta Gardens, gie deciz li ssir laqgha bejn il-Kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill qabel ma dan jibda' x-xogholijiet. Ghandha tintbaghat ukoll stima ta' dawn ix-xoghlijiet.

7. Hija rrapurtat li fi Triq ix-Xaghjrat k/m ma Triq id-Dilja bejn Dar nru. 5 u 6, hemm dawl tat-triq mahruq. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jirraporta din il-materja.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

**II KOMMUNIKAZZJONI MIC-CHAIRPERSON – tkompli**

8. Ic-Chairperson nfurmat li rceviet ittra minnghand resident fejn giet infurmata li specjalment filghaxijiet qed jkun hemm storbju eccessiv f' Villa Sunshine fi Triq iz-Zejni.

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI**

Mill- Vici Chairperson

1. Huwa nforma li fi Triq il-Madliena, quddiem id-dahla Ta' Stronka, hemm hajt imgarraf. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li ghal hafna drabi, ipprova jiddentifika s-sidien pero' dawn qatt ma inzertahom id-dar.

2. Il-Vici Chairperson issugerixxa biex tibda' ssir Neighbour hood Watch fiz-zona tal-Madliena fid-dawl ta' serq li qed jsir bhalissa. Ic-Chairperson infurmat li hija ga kellha kommunikazzjoni ma' l-Ispettrur T. Micallef rigward din il-materja.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet x' inhu l-Budget tal-Kumitat ghal din is-sena. Il-Membru G.L. Ganado infurmaha li huwa ghandu indikazzjoni cara ta' x'inhu l-bilanc kurrenti. Is—Segretarju Ezekuttiv pprezenta kopja tal-Budget li kull membru.

2. Hija ssugeriet sabiex kull propjeta privata jkollha l-bin mwahhal fuq barra sabiex jigi evitat li l-iskart jinhareg fil-boroz. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-proposta tigi ppublikata fil-harga li jmiss tal-magazin sabiex ir-residenti jkollhom cans jibghatu l-kummenti taghhom.

3. Rigward il-progett tal-Heritage Walk; hija nfurmat li ma taqbilx li dan il-progett ghandu jigi implimentat. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ssir laqgha fejn tigi diskussa biss din il-materja.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI – ikomplu**

<u>Mill-Membru G.L. Ganado</u>

1. Il-Membru nforma li jinhass sew il-bzonn li titranga l-mera fi Triq il-Veduta kantuniera ma' Triq il-Markiz J. Scicluna sabiex jigi evitat li jinholoq xi accident serju. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jiehu hsieb dawn ix-xoghlijiet.

2. Huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli ssir manutenzzjoni tal-hitan tas-sejjiegh li jinsabu fiz-zona tal-Madliena. Ic- Chairperson hadet l-inkarigu li dwar din il-materja tiddiskuti mal-Kunsillier A.Chetcuti sabiex dan jaghmel kuntatti mal-Ministeru kkoncernat.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm u
sar aġġornament għal nhar l-Erbgha 8 ta' Ottubru 2014 fil-5pm.

Hugh Zammit — Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela — Chairperson